MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
VINCENT GALEA**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Talba Numru. 3/2012

**Wembley *Crane* Hire Limited**

**vs**

**Sergio Gauci**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba mressqa mis-socjeta attrici fl-10 ta’ Jannar, 2012 u li permezz taghha talbet lit-Tribunal biex jikkundanna lill-konvenut jhallsha s-somma ta’ hames mija disgha u erbghin euro u tlieta u sebghin centezmi ta’ euro (€549.73) wara li ppremettiet hekk:

“Is-socjeta attrici qed titlob lill-konvenut sabiex ihallas is-somma ta’ hames mija disa u erbghin euro u tlieta u sebghin centezmu (€549.73) rapprezentanti prezz ta’ servizzi rezi lill-konvenut li baqa ma thallasx.

Bl-ispejjez inkluz dawk ta’ l-ittra interpellatorja datata 22 ta’ Settembru, 2011 u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data

ta' l-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tal-konvenut** imressqa minnu fis-27 ta' Frar, 2012 u li permezz taghha ecceppixxa hekk:

1. Preliminarjament, l-azzjoni intentata mill-kumpanija attrici hija preskritta ai termini ta' l-artikolu 2148(a) u/jew l-artikolu 2148 (f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fil-mertu, it-talbiet tal-kumpanija attrici huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt billi l-ebda ammont ma huwa dovut.

3. Bl-ispejjez kontra l-kumpanija attrici li d-diretturi, azzjonisti u rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti in subizzjoni".

Ra s-sentenza preliminari datata 6 ta' Marzu, 2012 u li permezz taghha, t-Tribunal cahad it-talba maghmula mis-socjeta attrici fis-seduta tat-28 ta' Frar, 2012 biex ir-risposta tal-konvenut pprezentata fis-27 ta' Frar, 2012 tigi sfilzata u konsegwentement ordna li l-kawza titkompla.

Ra l-verbal tas-26 ta' April, 2012 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-konvenut ghal-lum;

Ra l-atti u x-xhieda moghtija;

Ikkunsidra;

1. Fis-seduta tat-13 ta' April, 2012 **xehed Joseph Bonello, direttur tas-socjeta attrici**. Huwa beda billi esebixxa *statement of account* datat 30 ta' Gunju, 2011 li juri li fit-30 ta' Settembru, 2009 is-socjeta attrici harget *invoice* ghall-ammont ta' €549.73 lill-konvenut. Dan l-ammont, jghid ix-xhud, huwa dovut ghal kiri ta' gurnata ta' *crane*. Ix-xoghol involut kien illi jittellghu nies go gagga permezz ta' dan il-*crane* sabiex ikun jista jsir it-tibjid ta' l-appogg ta' binja. Ix-xhud ikompli jghid li x-"*xoghol fl-ahhar tal-gurnata ma lahaqx tlesta u dan peress illi l-ambjent kif*

*diga ghidt tal-post fejn kienu qeghdin isiru x-xoghlijiet ma kienx konducenti ossia ghal crane*" (fol. 27).

Il-gurnata tax-xoghol kienet saret pero' x-xoghol ma lehaqx tlesta. Jghid ukoll li l-ambjent fejn kien il-*crane* ma kienx wiehed facli u dan fis-sens li dan l-istess *crane* kellu jintrama go ghalqa kollha blat. Fil-fatt, izid ighid dan ix-xhud, inqasamlu tyre.

Dwar l-istatement esebit bhala dok. JB 1, ix-xhud ighid li din "*kienet tirreferi biss ghal gurnata tax-xoghol li ghamilna ahna u cioe' bil-crane li semmejt jiena li kien qieghed go l-ghalqa mimlija blat. Dan l-istatement ahna nibghatuh kull tlett xhur u fil-fatt hekk ghamilna mal-konvenut*".

Giet esebita ukoll ittra mibghuta mill-konsulent legali tas-socjeta attrici datata 22 ta' Settembru, 2011 u li giet esebita bhala dok. JB2. Risposti ghal dawn id-dokumenti ma kienx hemm pero "*ghandi nghid illi xi xahrejn wara illi baghat l-ittra bl-Avukat cemplitli wahda mara li hija qaltli li hija l-mara tal-konvenut u qaltli li jiena ma stajtx nippretendi l-hlas reklamat ghaliex ix-xoghol ma kienx lest. Jiena ghidtilha biex tkellem lill-Avukat tieghi l-ghaliex jiena xoghli kont ghamiltu*" (fol. 28).

In kontro-ezami, x-xhud ighid li l-*crane* mar fuq il-post propjeta' tal-konvenut fit-30 ta' Awwissu, 2009 u l-invoice harget fit-30 ta' Settembru, 2009.

Ighid ukoll li n-nies li kienu telghu fil-gagga li kienet ittellghet mill-*crane* biex isir il-hajt ta' l-appogg tqabbdu mill-konvenut. L-uniku nvolviment tal-kumpanija attrici f'dan ix-xoghol kollu kien li hi kellha tara li jkun hemm *crane* fuq il-post u x-xufier tal-*crane*.

2. Skond ma jirrizulta mill-verbal tas-26 ta' April, 2012 l-konvenut iddikjara li huwa ma kienx fadallu provi ohra xi jressaq dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Ikkunsidra ulterjorment;

3. Permezz ta’ din il-kawza, s-socjeta attrici qeghda titlob minghand il-konvenut il-hlas ghal uzu ta’ *crane* ghal-gurnata, flimkien ma *crane driver*.

4. Il-konvenut ressaq l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni attrici a tenur ta’ l-artikoli 2148 (a) u/jew ta’ l-artikolu 2148 (f) tal-Kodici Civili.

5. L-**artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta’ Malta jaqra hekk:

**2148.** L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta’ tmintax-il xahar:

(*a*) l-azzjonijiet tal-ħajjata, skrapar, mastrudaxxi, bennejja, bajjada, ħaddieda, arġentieri, arluġġara u ta’ **persuni** oħra **li jaħdmu sengħa jew arti mekkanika, għall-prezz tal-opri jew tax-xogħlijiet tagħhom, jew tal-materjal li jfornu**[1];

6. Imbaghad l-**artikolu 2148(f) tal-Kapitolu 16** tal-Ligijiet ta’ Malta jaqra hekk:

**2148.** L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta’ tmintax-il xahar:

(*f*) l-azzjonijiet ta’ kull persuna, għall-kera ta’ ħwejjeġ mobbli [2]:

7. L-artikolu applikabbli ghal kaz odjern huwa l-artikolu 2148 (f) tal-Kapitolu 16 stante li jirrizulta mill-atti li l-

[1] The following actions are barred by the lapse of eighteen months:

(*a*) actions of tailors, shoemakers, carpenters, masons, whitewashers, locksmiths, goldsmiths, watch-makers, and other persons exercising any trade or mechanical art, for the price of their work or labour or the materials supplied by them;

[2] The following actions are barred by the lapse of eighteen months:

(f) actions of any person for the hire of movable things

konvenut kien kera minghand is-socjeta attrici *crane* sabiex ikunu jistaw jittellghu haddiema tieghu f'gagga tal-hadid biex dawn ta' l-ahhar ikunu jistaw jaghmlu xoghol fuq il-hajt estern proprjeta ta' l-istess konvenut. Mal-*crane* kien hemm ukoll il-*crane driver*.

8. Illi d-direttur tas-socjeta attrici jghid, waqt id-deposizzjoni tieghu, li "*ghandi nghid illi xi xahrejn wara illi baghat l-ittra bl-Avukat cemplitli wahda mara li hija qaltli li hija l-mara tal-konvenut u qaltli li jiena ma stajtx nippretendi l-hlas reklamat ghaliex ix-xoghol ma kienx lest. Jiena ghidtilha biex tkellem lill-Avukat tieghi l-ghaliex jiena xoghli kont ghamiltu*" (fol. 28). Is-socjeta attrici ghazlet li ma tellghax lil din il-persuna li kellmet lid-direttur taghha biex tixhed f'dawn il-proceduri u t-Tribunal ma huwiex sodisfatt bil-livell tal-prova mressqa mis-socjeta attrici f'dan ir-rigward. Din il-prova setat facilment tigi korraborata billi kienet titella biex tixhed il-mara tal-konvenut. Is-socjeta attrici dan ma ghamlitux.

9. Illi f'dan il-kaz jirrizulta li l-*crane* proprjeta tas-socjeta attrici mar fuq is-sit fejn kellhu jintuza fit-30 ta' Awissu, 2009. Il-kawza odjerna giet intavolata fl-10 ta' Jannar, 2012. Mill-provi ma jirrizultax li l-konvenut irrisponda ghall-ittra legali mibghuta mis-socjeta attrici fit-22 ta' Settembru, 2011 jew li huwa b'xi mod irrinunzja ghal perjodu preskrittiv jew irrikonoxxa d-debitu. Kif lanqas ma jirrizulta li s-socjeta attrici nterrompiet il-perjodu ta' preskrizzjoni.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jilqa l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni mqanqla mill-konvenut u jiddikjara li l-azzjoni tas-socjeta attrici hija perenta a tenur ta' l-artikolu 2148 (f) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfornt tal-konvenut u konsegwentement jichad it-talba tas-socjeta attrici;

L-ispejjez kollha ta' dawn il-proceduri ghandhom jigu sopportati fl-intier taghhom mis-socjeta attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------